

Brussell, 5 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8657/23
PV CONS 19
RELEX 499

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
24 ta' April 2023

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	
a)	Lista mhux leġislattiva	3
b)	Lista leġislattiva	3

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Ġrajjet kurrenti	5
4.	L-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna	5
5.	Implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-konsegwenzi ġeopolitiċi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna: involviment ma' pajjiżi terzi	5
6.	Affarijiet oħra	5
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		6

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 8257/23.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

8258/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument 8258/23, inkluż id-dokumenti lingwistiċi kollha COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

8259/23

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***



7650/23

6551/23

EJUSTICE

Qbil fil-prinċipju

Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

approvat mill-COREPER, Parti 2, fil-05.04.2023

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju dwar ir-regolament propost, kif jinsab fid-dokument 6551/23, soġġett għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, u ddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' test tar-regolament kif jinsab fid-dokument 6551/23 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 352 TFUE.

2. **Direttiva dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni (IED)**



7947/23 + COR 1

+ ADD 1

PE-CONS 70/22

+ REV 1 (sk)

IXIM

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-COREPER, Parti 2, fid-19.04.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-astensjoni tal-Awstrija u l-Ġermanja. (Bażi legali: l-Artikolu 87(2), il-punt (a), TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

3. **Regolament li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta**  7950/23 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 73/22
approvat mill-COREPER, Parti 2, fid-19.04.2023 JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Impjiegi u Politika Soċjali

4. **Deċiżjoni dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023**  7844/23 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 12/23
approvat mill-COREPER, Parti 1, fid-19.04.2023 SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-astensjoni tal-Ungerija. (Bażi legali: l-Artikolu 149 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

5. **Direttiva dwar miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi**  7845/23 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 81/22
approvat mill-COREPER, Parti 1, fid-19.04.2023 SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Bulgarija, l-Ungerija u l-Iżvezja jivvutaw kontra u bl-astensjoni tal-Ġermanja u l-Latvja. (Bażi legali: l-Artikolu 157(3) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti
4. L-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna
Skambju ta' fehmiet
5. Implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-konsegwenzi ġeopolitiċi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna: involviment ma' pajjiżi terzi
Skambju ta' fehmiet
6. Affarijiet oħra



L-ewwel qari



Proċedura leġiżlattiva speċjali



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 8259/23

Dwar il-punt "A" **Direttiva dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni (IED)**
nru 2: *Adozzjoni tal-att leġislattiv*

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tenfasizza l-appoġġ sħiħ tagħha għal kooperazzjoni tal-pulizija msaħħa u skambju ta' informazzjoni mtejjeb bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Sfortunatament, it-test attwali fih dispożizzjonijiet li l-Awstrija tqis problematiċi. Dawn huma (1) il-perjodu ta' rieżami preskritt marbut biż-żmien għad-data fis-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni tal-każijiet, li jinterferixxi indebitament mal-kompetenza leġislattiva nazzjonali, u (2) il-possibbiltà li jinbidlu l-mezzi ta' komunikazzjoni waqt li jkun għaddej skambju ta' informazzjoni.

Fil-fehma tal-Awstrija, dawn il-punti ser jagħmlu x-xogħol tal-pulizija aktar diffiċli u kellhom jiġihassru. Minħabba dan, l-Awstrija tastjeni."

Dwar il-punt "A" **Regolament li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri**
nru 3: **ta' Investigazzjoni Konġunta**
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KROAZJA

"Ir-Repubblika tal-Kroazja tesprimi l-appoġġ sħiħ tagħha għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726.

Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-iskuntentizza tagħha bil-verżjoni lingwistika Kroata attwali tal-proposta għar-Regolament, jiġifieri bl-ekwivalenti Kroat tat-terminu Ingliż "cyber" u d-derivattivi tiegħu fil-lingwa Kroata¹, kwistjoni li qajjimna kontinwament fuq diversi livelli fil-Kunsill matul dawn l-aħħar snin.

Il-verżjoni attwali Kroata tal-proposta għar-Regolament tuża terminoloġija li ma teżistix fil-leġislazzjoni Kroata dwar iċ-ċibernetika u fl-użu professjonali, u b'hekk toħloq konfużjoni u ddgħajjef iċ-ċertezza legali, il-koerenza u ċ-ċarezza.

Ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-pożizzjoni tagħha li t-terminoloġija użata mill-istituzzjonijiet tal-UE għandha tkun allinjata mat-terminoloġija legali nazzjonali diġà eżistenti sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li ttejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, fir-rigward ta' komunikazzjoni elettronika sigura u rapida bejn il-membri ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti u l-iskambju ta' evidenza, u tkompli tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament."

¹ L-ekwivalenti użat fil-leġislazzjoni Kroata huwa "kibernetički" filwaqt li t-terminu użat fir-Regolament huwa "kiber-".

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija hija impenjata li tappoġġa bis-sħiħ l-għanijiet tal-inizjattiva Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 fir-rigward tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, u tirrikonoxxi li forza tax-xogħol b'ħiliet hija kruċjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali ġusta. Nirrikonoxxu li t-test ta' kompromess finali li jinsab fid-dokument 7219/23+ADD 1 huwa r-riżultat ta' negozjati li ħadu fit-tul, iżda billi ċerti elementi fit-test mhumiex allinjati mal-pożizzjoni tagħna dwar il-migrazzjoni legali inġenerali, l-Ungerija tastjeni milli tivvota. Jiddispijacija nosservaw li ċerti dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni dwar il-migrazzjoni legali ma jirriflettux biżżejjed il-ħtieġa li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 79(5) TFUE, li skontu ma għandux jiġi affettwat id-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex ifittxu xogħol. F'dan il-kuntest, l-Ungerija ma tqisx "Tiġbed persuni minn pajjiżi terzi", jiġifieri t-tħeġġiġ tal-migrazzjoni legali fil-livell tal-Unjoni, bħala għodda xierqa u legalment soda biex jiġi solvut in-nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema fl-Unjoni.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "konverġenza bejn il-ġeneri" bħala "konverġenza bejn in-nisa u l-irġiel" fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA U L-ĠERMANJA

"L-Awstrija u l-Ġermanja jqisu li l-użu tal-formulazzjoni "*Frauen unterschiedlicher Rasse*" fil-premessa 25 tal-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi hija problematika ferm.

L-Awstrija u l-Ġermanja jassumu li l-kjarifika dwar l-użu tat-terminu "*Rasse*" ("razza"/"oriġini ta' razza") fil-premessa 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità, li ssir referenza għaliha fil-premessa 25 tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, tapplika wkoll għad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi: "*L-Unjoni Ewropea tirriffuta t-teoriji li jippruvaw jistabbilixxu l-eżistenza ta' razez umani separati. L-użu tal-espressjoni "oriġini ta' razza" f'din id-Direttiva ma jimplikax l-aċċettazzjoni ta' dawn it-teoriji.*"

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"L-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-irġiel u n-nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali hija kondizzjoni essenzjali għall-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-kisba ta' konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa l-oġettivi tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.

Madankollu, fl-istess ħin, matul in-negożjati dwar il-proposta għal Direttiva, saru bidliet fit-test li huma inaċċettabbli għar-Repubblika tal-Bulgarija.

L-ambitu tal-impjegaturi li għalihom qed jinħolqu obbligi ġodda kiber b'mod sinifikanti, mingħajr ma tqieset is-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju. Huwa importanti għar-Repubblika tal-Bulgarija li l-obbligi stipulati fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni Ewropea biex isir rappurtaġġ dwar id-differenza bejn il-pagi tan-nisa u l-irġiel u li jsiru valutazzjonijiet konġunti tal-pagi jkunu applikabbli biss għal kumpaniji relattivament kbar, li jkollhom ir-riżorsi finanzjarji u umani li jimplimentawhom.

Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' diskriminazzjoni intersezzjonali fil-parti operattiva tad-Direttiva toħloq inċertezza legali minħabba l-bażi legali għall-adozzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 157(3) TFUE), li tkopri biss il-protezzjoni abbażi tas-"sess" (ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa), iżda mhux protezzjoni għal raġunijiet oħra jew għal taħlita ta' raġunijiet bħal dawn.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, fl-2018 il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) tippromwovi kunċetti legali marbuta mal-kunċett ta' "ġeneru" li huma inkompatibbli mal-prinċipji bażiċi tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija. Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali kkjarifikat ukoll li t-terminu "sess" użat fil-Kostituzzjoni, għandu, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, jinftehem fis-sens bijoloġiku tiegħu biss (irġiel u nisa).

F'konformità ma' dawn id-deċiżjonijiet, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li ma tistax taċċetta kunċetti li għandhom l-għan li jiddistingwu "sess" bħala kategorija bijoloġika (irġiel u nisa) minn "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali u li ser tinterpreta l-użu tat-terminu "ġeneru" fid-Direttiva fis-sens bijoloġiku tiegħu biss. Il-premessa 6 għalhekk hija irrelevanti għar-Repubblika tal-Bulgarija fid-dawl tal-ordni kostituzzjonali nazzjonali tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma tappoġġax it-test tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għal "l-ġhoti ta' drittijiet, possibbiltajiet u opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel" fil-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar."

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tappoġġa l-għan li tiġi indirizzata d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-oġġettivi tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar. Madankollu, il-Latvja għandha tħassib dwar il-mekkaniżmu ta' infurzar previst u jiddisputa li l-ftehim ta' kompromess finali dwar id-Direttiva li għandu jiġi adottat fil-Kunsill fl-24 ta' April 2023 jista' jimponi piż amministrattiv eċċessiv u sproporzjonat fuq is-setturi privati u pubbliċi."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tesprimi "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri" bħala d-"differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel". Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta espressjonijiet oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, il-Polonja ma tirrikonoxxi kategoriji ta' sess għajr "femminili" u "maskili"; għalhekk, il-premessi 5 u 6 ma japplikawx għas-sitwazzjoni fil-Polonja."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kompromess milġuq bejn il-koleġiżlaturi fuq perjodu ta' traspożizzjoni ta' tliet snin għad-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda dwar it-trasparenza fil-pagi. Il-Kummissjoni tixtieq tindika li din id-devjazzjoni mill-perjodu standard ta' traspożizzjoni ta' sentejn ma għandhiex titqies bħala preċedent. Din għandha bħala għan uniku li tiżgura li fiż-żmien it-traspożizzjoni l-impjegaturi jkollhom fis-seħħ strutturi ta' pagi nondiskriminatorji sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tar-regoli l-ġodda."